

**DIRETTIVA (UE) 2019/1161 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tal-20 ta' Ġunju 2019****li temenda d-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew <sup>(1)</sup>,Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Regġuni <sup>(2)</sup>,Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) F'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-23-24 ta' Ottubru 2014, l-Unjoni hi impenjata li toħloq sistema tal-enerġija sostenibbli, kompetittiva, sigura u dekarbonizzata. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Jannar 2014 bit-titolu "Qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija fil-perijodu ta' bejn l-2020 u l-2030" tistabbilixxi impenji ambizzjużi għall-Unjoni biex tkompli tnaqqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra b'mill-inqas 40 % sal-2030 meta mqabbla mal-livelli tal-1990, biex il-proporzjon tal-enerġija rinnovabbli kkunsmata jiżdied b'mill-inqas 27 %, biex tiġi ffrankata mill-inqas 27 % tal-enerġija, u biex jitjiebu s-sigurtà, il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-enerġija tal-Unjoni. Minn dakinhar, id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> stabbilixxiet is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli ta' mill-inqas 32 % tal-konsum ta' enerġija finali gross tal-Unjoni sal-2030 u d-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(5)</sup> stabbiliet mira għda għall-effiċjenza enerġetika għall-Unjoni sal-2030 ta' mill-inqas 32,5 %.
- (2) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-20 ta' Lulju 2016 bit-titolu "Strateġija Ewropea għal Mobbiltà b'Emissjonijiet Baxxi", il-Kummissjoni ħabbret li biex jitwettqu l-impenji li l-Unjoni għamlet waqt il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima, li saret f'Pariġi fl-2015, trid tithaffet id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-trasport u għalhekk jeħtieġ li l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jaqdbu t-triq it-tajba biex sa nofs is-seklu jixxejnu għalkollox. Minbarra dan, hemm bżonn li mingħajr dewmien jonqsu drastikament l-emissjonijiet tas-sustanzi li jniġġsu l-arja mit-trasport li qed jagħmlu l-ħsara lis-saħħa tal-bniedem u lill-ambjent. Dak jista' jintlaħaq b'għadd ta' inizjattivi ta' politika, fosthom miżuri li jappoġġaw bidla lejn it-trasport pubbliku, u permezz tal-akkwist pubbliku għall-promozzjoni ta' vetturi nodfa.
- (3) Fil-Komunikazzjoni tagħha tal-31 ta' Mejju 2017 bit-titolu "L-Ewropa Attiva: Aġenda għal tranżizzjoni soċjalment ġusta lejn mobbiltà kompetittiva, konnessa u mingħajr ħsara għall-ambjent għal kulħadd", il-Kummissjoni tenfasizza li ż-żieda fil-produzzjoni u fl-adozzjoni ta' vetturi nodfa, l-infrastrutturi tal-karburanti alternattivi, u s-servizzi ta' sistemi moderni ġodda li jaħtfu l-vantaġġi tad-diġitalizzazzjoni u tal-awtomatizzazzjoni fl-Unjoni, joffru diversi benefiċċji liċ-ċittadini tal-Unjoni, lill-Istati Membri u lill-industriji. Dawk il-benefiċċji jinkludu soluzzjonijiet ta' mobbiltà aktar sikur u mingħajr qtugħ, u inqas esponent għall-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja u jagħmlu l-ħsara. Barra minn hekk, kif iddikjarat fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tat-13 ta' Settembru 2017, wieħed mill-għanijiet hu li l-Unjoni ssir mexxejja dinjija fid-dekarbonizzazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU C 262, 25.7.2018, p. 58.<sup>(2)</sup> ĠU C 387, 25.10.2018, p. 70.<sup>(3)</sup> Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2019 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2019.<sup>(4)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).<sup>(5)</sup> Id-Direttiva (UE) 2018/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 li temenda d-Direttiva 2012/27/UE dwar l-effiċjenza fl-enerġija (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 210).

- (4) Kif tħabbar fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "L-Ewropa Attiva" din il-Direttiva hi parti mit-tieni pakkett ta' proposti li se jikkontribwixxi għall-isforz tal-Unjoni għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi. Dak il-pakkett, li qed għe ppreżentat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2017 bit-titolu "It-tweqqieg ta' mobbiltà b'emissjonijiet baxxi - Unjoni Ewropea li tipproteġi l-pjaneta, tagħti s-setgħa lill-konsumaturi tagħha u tiddefendi l-industrija u lill-ħaddiema tagħha" fih taħlita ta' miżuri orjentati lejn il-provvista u miżuri orjentati lejn id-domanda ħalli l-Unjoni taqbad ir-ritmu għal mobbiltà b'emissjonijiet baxxi u fl-istess ħin issaħħaħ il-kompetittività tal-ekosistema tal-mobbiltà tal-Unjoni. Il-promozzjoni ta' vetturi nodfa jenħtiegħ li ssir b'mod parallel mal-iżvilupp ulterjuri tat-trasport pubbliku, bħala mod biex titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq u konsegwentement biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u tittejjeb il-kwalità tal-arja.
- (5) L-innovazzjoni fteknoloġiji ġodda tgħin biex jonqsu l-emissjonijiet tal-vetturi CO<sub>2</sub> u biex jitnaqqas it-tniġġis tal-arja u akustika, filwaqt li tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Żieda fl-adozzjoni ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi, tnaqqas l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> u ta' ċerti sustanzi li jniġġsu l-arja (materja partikulata, ossidi tan-nitroġenu u idrokarburi tan-nonmetan) u b'hekk ittejjeb il-kwalità tal-arja fl-ibliet u f'żoni oħra mniġġsa, filwaqt li tikkontribwixxi għall-kompetittività u t-tkabbir tal-industrija tal-Unjoni fis-swieq globali dejjem jikbru tal-vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi. Il-Kummissjoni jenħtiegħ li ssegwi miżuri ta' politika biex trawwem assorbiment industrijali mifrux ta' u t-tkabbir tal-kapaċità ta' manifattura għal teknoloġiji ġodda bħal dawn fl-Istati Membri kollha sabiex jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet ekwi u żvilupp ibbilanċjat madwar l-Istati Membri.
- (6) Previżjonijiet tas-suq ibassru li l-prezzijiet tax-xiri ta' vetturi nodfa ser ikomplu jonqsu. Illum, kostijiet operattivi u ta' manutenzjoni aktar baxxi diġà jinvolvu aktar kompetittività għal kost totali tas-sjeda. It-tnaqqis mistenni tal-prezzijiet tax-xiri se jkompli jnaqqas l-ostakli għad-disponibbiltà u l-użu tas-suq ta' vetturi nodfa fl-għaxar snin li ġejjin.
- (7) Filwaqt li l-Unjoni hija waħda mir-reġjuni fuq quddiem nett għar-riċerka u l-ekoinnovazzjoni ta' valur għoli, ir-reġjun tal-Asja-Paċifiku qed jospita l-akbar produtturi tax-xarabanks elettriċi bil-batteriji u tal-batteriji. Bl-istess mod, l-iżviluppi tas-suq globali tal-vetturi elettriċi bil-batteriji huma xprunati mis-swieq fiċ-Ċina u fl-Istati Uniti. Għalhekk, politika ambizzjuża tal-UE għall-kisba ta' vetturi nodfa ser tgħin biex tistimola l-innovazzjoni u tippromwovi aktar il-kompetittività u t-tkabbir tal-industrija Ewropea fis-swieq globali dejjem jikbru għall-vetturi nodfa u għall-infrastruttura tat-teknoloġija assoċjata. Kif innutat fil-Komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Ottubru 2017 bit-titolu "Nagħmlu l-Akkwist Pubbliku jaħdem fl-Ewropa u għaliha", il-Kummissjoni se tkompli tmexxi l-isforzi biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi u tippromwovi aċċess aħjar għal swieq tal-akkwist pubbliku ta' pajjiżi terzi, inkluż għax-xiri, il-leasing, il-kiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' vetturi tat-trasport bit-triq.
- (8) B'kunsiderazzjoni tal-fatt li n-nefqa pubblika fuq l-oġġetti, ix-xoġġlijiet u s-servizzi rrappreżentat madwar 16 % tal-PDG fl-2018 l-awtoritajiet pubbliċi, permezz tal-politika tal-akkwist pubbliku tagħhom, jistgħu joħlqu swieq ta' prodotti u servizzi innovattivi, u jappoġġawhom. Sabiex jintlaħaq dak l-għan, id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(6)</sup> jenħtiegħ li tistabbilixxi l-miri ċari u trasparenti, inklużi objettivi tal-akkwist ċari u fit-tul u metodu sempliċi għall-kalkolu tagħhom. Id-Direttivi 2014/24/UE<sup>(7)</sup> u 2014/25/UE<sup>(8)</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxu regoli minimi dwar l-akkwist pubbliku li jikkoordinaw il-mod kif l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jakkwistaw xoġġlijiet, fornimenti u servizzi. B'mod partikolari, dawk id-Direttivi jistabbilixxu limiti monetarji sabiex jkun determinat liema kuntratti pubbliċi huma soġġetti għal-leġislazzjoni ta' prokurament legali tal-Unjoni. Dawk il-limiti huma applikabbli wkoll għad-Direttiva 2009/33/KE.
- (9) Id-disponibbiltà ta' infrastruttura għall-iċċarġjar u għar-riforniment ta' karburant hija neċessarja għall-varar ta' vetturi li jużaw karburant alternattiv. Fit-8 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni adottat pjan ta' azzjoni biex tappoġġa l-introduzzjoni mgħaġġla ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi fl-Unjoni, inkluż appoġġ imsaħħaħ għall-introduzzjoni ta' infrastruttura pubblikament disponibbli permezz ta' fondi tal-Unjoni, li jgħin biex jinħolqu kundizzjonijiet aktar favorevoli għat-tranżizzjoni lejn vetturi nodfa, inkluż fit-trasport pubbliku. Il-Kummissjoni se tirrevedi l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(9)</sup> sal-31 ta' Diċembru 2020, u ser tippreżenta proposta leġiżlattiva biex temenda dik id-Direttiva, jekk tqis li dan ikun meħtieġ abbażi ta' dik ir-reviżjoni.

<sup>(6)</sup> Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenzi fl-użu tal-enerġija (ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5).

<sup>(7)</sup> Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

<sup>(8)</sup> Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

<sup>(9)</sup> Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

- (10) Id-Direttiva 2009/33/KE tikkumplimenta l-leġislazzjoni orizzontali dwar l-akkwist pubbliku tal-Unjoni u żżid ċerti kriterji tas-sostenibbiltà, b'hekk għandha l-għan li tixpruna s-suq tal-vetturi tat-trasport bit-triq li jkunu nodfa u effiċjenti. Fl-2015, il-Kummissjoni għamlet evalwazzjoni ex post tad-Direttiva 2009/33/KE fl-2015 u kkonkludiet li dik id-Direttiva ma stimulatx l-adozzjoni mis-suq ta' vetturi nodfa madwar l-Unjoni, l-aktar minħabba ċerti nuqqasijiet fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u d-dispożizzjonijiet dwar ix-xiri tal-vetturi. Dik l-evalwazzjoni kkonkludiet li l-impatt ta' dik id-Direttiva kien limitat ħafna fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja u l-promozzjoni tal-kompetittività industrijali.
- (11) Il-valutazzjoni tal-impatt li saret mill-Kummissjoni dwar ir-reviżjoni tad-Direttiva 2009/33/KE issottolineat il-benefiċċji ta' bidla fl-approċċ ta' governanza ġenerali għall-akkwist tal-vetturi nodfa fil-livell tal-Unjoni. Jekk jiġu stabbiliti rekwiżiti minimi għall-akkwist, ikun jista' jgħin b'mod effettiv sabiex jintlaħaq l-għan li jippromwovi u jstimula l-adozzjoni mis-suq tal-vetturi nodfa meta mqabbel mad-dipendenza fuq l-internalizzazzjoni tal-kostijiet esterni fid-deċizzjonijiet ġenerali tal-akkwist, filwaqt li tiġi nnutata r-rilevanza li fid-deċizzjonijiet kollha tal-akkwist jitqiesu l-aspetti ambjentali. Il-benefiċċji fiż-żmien medju u fit-tul għaċ-ċittadini u l-intrapriżi tal-Unjoni jiġġustifikaw bis-siġħ dak l-approċċ sakemm dan iħalli flessibbiltà suffiċjenti lill-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti fl-għażla tat-teknoloġji li għandhom jintużaw.
- (12) Jekk jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE biex ikun jinkludi Prattiki bħal-leasing, il-kiri u l-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri tal-vetturi, kif ukoll kuntratti għal ċerti servizzi, jiżgura li l-prattiki ta' akkwist rilevanti kollha jkunu koperti. Is-servizzi koperti mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bħas-servizzi tat-trasport pubbliku bit-triq, għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq b'għan speċjali, għal servizzi tat-trasport tal-passiġġieri mhux skedati, kif ukoll servizzi ta' posta u ta' pakketti speċifiċi u servizzi ta' ġbir tal-iskart, jenħtieġ li jkunu daww fejn il-vetturi użati għall-forniment ta' dawn is-servizzi jaqgħu fil-kategoriji ta' vetturi koperti b'din id-Direttiva, u fejn dawn jirrappreżentaw element ewleni fil-kuntratt. Jenħtieġ li daww is-servizzi jiġu identifikati permezz tal-kodiċijiet tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist elenkati fl-Anness. Kuntratti eżistenti jenħtieġ li ma jkunux affettwati b'mod retrospettiv minn din id-Direttiva.
- (13) Kien hemm appoġġ wiesa' fost il-partijiet konċernati ewlenin għal definizzjoni ta' vetturi nodfa li tqis ir-rekwiżiti ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra u tas-sustanzi li jniġġsu l-arja minn vetturi ħfief. Biex ikun żgurat li jingħataw inċentivi xierqa li jipromwovu l-adozzjoni mis-suq ta' vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi fl-Unjoni, jenħtieġ li din id-Direttiva tkun allinjata mad-definizzjoni ta' vetturi mingħajr emissjonijiet u b'emissjonijiet baxxi pprovduta fir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(10)</sup>. Azzjoni mwettqa skont din id-Direttiva se tikkontribwixxi għall-konformità mar-rekwiżiti tal-istandards stipulati fir-Regolament (UE) 2019/631. Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja, jenħtieġ li l-vetturi nodfa jkollhom prestazzjoni aħjar meta mqabbla mar-rekwiżiti minimi għall-ossidi tan-nitroġenu (NOx) u l-partiċelli ultrafini - Numru ta' Partiċella (PN) stabbiliti mill-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet tas-sewqan reali (RDE) li huma fis-seħħ. Minbarra l-vetturi mingħajr emissjonijiet, illum hemm ftit vetturi ħfief b'emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja ta' 80 % jew inqas tal-limiti ta' emissjonijiet attwali. Madankollu l-għadd ta' vetturi bħal dawn huwa mistenni li jżied fis-sinjura li ġejjin, speċjalment ibridi rikarikabbli. B'approċċ aktar ambizzjuż għall-akkwist pubbliku jista' jingħata stimolu addizzjonali sinifikanti lis-suq.
- (14) Il-vetturi nodfa tqal jenħtieġ li jiġu ddefiniti permezz tal-użu ta' karburanti alternattivi f'konformità mad-Direttiva 2014/94/UE. Fejn il-bijokarburanti likwidi, il-karburanti sintetiċi jew paraffiniċi għandhom jintużaw mill-vetturi akkwistati, l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti għandhom jiżguraw permezz ta' klawżoli kuntrattwali obligatorji jew permezz ta' mezzi effettivi simili fi ħdan il-proċedura tal-akkwist pubbliku li dawn il-karburanti biss għandhom jintużaw f'daww il-vetturi. Filwaqt li għandu possibbli li daww il-karburanti jkun fihom addittivi tal-karburanti, kif inhu l-każ pereżempju bil-karburant ibbażat fuq l-etanol għal magni diesel adattati (ED95), jenħtieġ li dawn ma jitħalltux b'karburanti fossili.
- (15) Sabiex tittejjeb il-kwalità tal-arja fil-muniċipalitajiet, huwa kruċjali li l-flotta tat-trasport tiġġedded b'vetturi nodfa. Barra minn hekk, il-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari jeħtieġu l-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti. Għalhekk, jenħtieġ li l-vetturi li jiġsodisfaw ir-rekwiżiti tal-vetturi nodfa jew ir-rekwiżiti tal-vetturi mingħajr emissjonijiet bħala riżultat ta' installazzjoni a posteriori jingħaddu wkoll għall-ilhug tal-miri minimi rispettivi tal-akkwist.

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jstabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 (ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13).

- (16) Peress li l-vetturi ħfief u tqal jintużaw għal skopijiet differenti u għandhom livelli differenti ta' maturità tas-suq, hu importanti li d-dispożizzjonijiet dwar l-akkwist pubbliku jagħrfu dawn id-differenzi. Il-valutazzjoni tal-impatt tirrikonoxxi li s-swieq tax-xarabanks urbani mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi huma kkaratterizzati minn żieda fil-maturità tas-suq, filwaqt li s-swieq għat-trakkijiet mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi qegħdin fi stadju aktar bikri ta' żvilupp tas-suq. Minħabba l-livell limitat ta' maturità tas-suq ta' kowċis mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi, ir-rwol relattivament limitat tal-akkwist pubbliku f'dan is-segment tas-suq, u r-rekwiżiti operattivi speċifiċi tagħhom, il-kowċis jenħtieġ li ma jiġux inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva. F'konformità mal-approċċ segwit fir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u fir-Regolament 107 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (UNECE), vetturi tal-kategorija M<sub>3</sub> b'żoni għal passiġġieri bilwieqfa biex jippermettu moviment frekwenti tal-passiġġieri huma meqjusa bħala xarabanks, filwaqt li vetturi tal-kategorija M<sub>3</sub> b'żona limitata ħafna jew l-ebda żona għall-passiġġieri bilwieqfa huma kkunsidrati bħala kowċis. Minħabba s-suq limitat ħafna ta' xarabanks b'żewġ sulari u l-limitazzjonijiet speċifiċi tagħhom fid-disinn, huwa xieraq li, matul l-ewwel perijodu ta' referenza kopert minn din id-Direttiva, jiġu applikati miri minimi tal-akkwist aktar baxxi għal vetturi mingħajr emissjonijiet li jaqgħu taħt dik il-kategorija ta' vetturi tqal fl-Istati Membri, fejn ix-xarabanks b'żewġ sulari jirrappreżentaw sehem sinifikanti tal-akkwist pubbliku.
- (17) Sabiex tiġi evitata l-impożizzjoni ta' piżijiet sproporzjonati fuq l-awtoritajiet u l-operaturi pubbliċi, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jeżentaw mir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva l-akkwist pubbliku ta' ċerti vetturi b'karatteristiċi speċifiċi marbuta mar-rekwiżiti operattivi tagħhom. Dawk il-vetturi jinkludu vetturi blindati, ambulanzi, karozzi tal-mejtin, vetturi tal-kategorija M<sub>1</sub> aċċessibbli għas-siġġijiet bir-roti, krejnijiet mobbli, vetturi ddisinjati u mibnija għall-użu prinċipalment f'siti ta' kostruzzjoni jew f'barrieri, faċilitajiet tal-port jew tal-ajruport kif ukoll vetturi ddisinjati u mibnija speċifikament u adattati għall-użu mill-forzi armati, il-protezzjoni ċivili, is-servizzi tattifi tan-nar u l-forzi responsabbli għaż-żamma tal-ordni pubbliku. Adattamenti bħal dawn jistgħu jirrelataw mal-installazzjoni ta' tagħmir speċjalizzat ta' komunikazzjoni jew dwal tal-emerġenza. Ir-rekwiżiti previsti f'din id-Direttiva jenħtieġ li ma japplikawx għal vetturi li huma ddisinjati u mibnija speċifikament biex iwettqu xogħol u li mhumiex adattati għall-ġarr tal-passiġġieri jew għat-trasport tal-merkanzija. Dawk il-vetturi jinkludu vetturi għall-manutenzjoni tat-toroq bħalma huma mħaret tas-silġ.
- (18) Jenħtieġ li l-istabbiliment ta' miri minimi għall-akkwist ta' vetturi nodfa li jridu jintlaħqu f'żewġ perijodi ta' referenza li jintemmu fl-2025 u fl-2030 fil-livell tal-Istati Membri, jikkontribwixxi għaċ-ċertezza tal-politika għas-swieq fejn l-investimenti fil-mobbiltà mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi huma meħtieġa. Il-miri minimi jappoġġaw il-ħolqien tas-swieq għal vetturi nodfa madwar l-Unjoni kollha. Dawn jipprovdu żmien għall-aġġustament tal-proċessi tal-akkwist pubbliku u jibagħtu sinjal ċar tas-suq. Barra minn hekk, il-ħtieġa li nofs il-mira minima għal xarabanks akkwistati f'dawk il-perijodi taż-żmien ta' referenza trid tiġi ssodisfata permezz tal-akkwist ta' xarabanks mingħajr emissjonijiet isaħħaħ l-impenn lejn id-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport. Jenħtieġ li jiġi nnutat li t-“trolley buses” huma meqjusa bħala xarabanks mingħajr emissjonijiet, dment li jaħdmu biss bl-elettriku jew li jużaw biss sistema ta' motopropulsjoni mingħajr emissjonijiet meta ma jkunux konnessi mal-grilja, inkella xorta jgħoddu bħala vetturi nodfa. Il-valutazzjoni tal-impatt tinnota li l-Istati Membri qed kulma jmur jistabbilixxu aktar miri nazzjonali skont il-kapaċità ekonomika tagħhom u skont is-serjetà tal-problema. Jenħtieġ jiġu stabbiliti miri nazzjonali differenti fi Stati Membri differenti skont il-kapaċità ekonomika tagħhom (il-prodott domestiku gross għal kull ras) u l-esponiment għat-tniġġis (id-densità tal-popolazzjoni urbana). Il-valutazzjoni tal-impatt territorjali mwettqa għal din id-Direttiva turi li l-impatt se jitqassam b'mod ekwu fost ir-reġjuni tal-Unjoni.
- (19) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom il-flessibbiltà li jqassmu l-isforzi biex jilhq u l-miri minimi fi ħdan it-territorju tagħhom, skont il-qafas kostituzzjonali tagħhom u f'konformità mal-oġġettivi tal-politika tat-trasport tagħhom. Fl-allokazzjoni tal-isforzi fi Stat Membru, jistgħu jitqiesu fatturi differenti, bħad-differenzi fil-kapaċità ekonomika, il-kwalità tal-arja, id-densità tal-popolazzjoni, il-karatteristiċi tas-sistemi tat-trasport, il-politiki għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u t-tnaqqis tat-tniġġis tal-arja, jew kwalunkwe kriterju rilevanti ieħor.
- (20) Il-vetturi mingħajr emissjonijiet fl-iżbokk tal-egżost iħallu wkoll impronta ambjentali minħabba l-emissjonijiet li jirriżultaw mill-katina tal-provvista tal-karburant mill-fażi ta' estrazzjoni għat-tank, kif ukoll għall-proċess ta' manifattura tal-komponenti u l-livell ta' riċiklabbiltà tagħhom. Sabiex ikunu konsistenti mal-oġġettivi tas-sostenibbiltà, il-batteriji jenħtieġ li jkunu prodotti bl-anqas impatti ambjentali ġewwa u barra l-Unjoni, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda l-proċess tal-estraxxjoni tal-materja prima użata għall-produzzjoani tal-batteriji. Il-promozzjoni ta' teknoloġiji li jindirizzaw dik l-isfida, bħal batteriji sostenibbli u riċiklabbli, tista' tikkontribwixxi

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).

għas-sostenibbiltà ġenerali tal-vetturi elettriċi, permezz ta' inizjattivi bħall-Alleanza tal-UE tal-Batteriji u l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Batteriji u fil-kuntest tar-rieżami tad-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(12)</sup>. Ir-rifless possibbli tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tul iċ-ċiklu tal-ħajja u tal-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-estrazzjoni sal-użu tal-vetturi, jenħtieġ li jiġi kkunsidrat għall-perjodu wara l-2030, filwaqt li jitqiesu d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kalkolu taġġhom f'dak il-mument.

- (21) Fir-rakkomandazzjoni tiegħu tal-4 ta' April 2017 lill-Kunsill u lill-Kummissjoni wara l-inkjesta dwar il-kejl tal-emissjonijiet fis-settur awtomobilistiku <sup>(13)</sup>, il-Parlament Ewropew stieden lill-Istati Membri jrawmu politiki tal-akkwist pubbliku ekoloġiku permezz tax-xiri ta' vetturi mingħajr emissjonijiet u vetturi b'emissjonijiet baxxi ħafna mill-awtoritajiet pubbliċi għall-flotot taġġhom jew għall-programmi ta' ċar sharing pubbliċi jew semi-pubbliċi, u għall-eliminazzjoni gradwali tal-karozzi ġodda b'emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> sal-2035.
- (22) L-impatt massimu jista' jinkiseb jekk l-akkwist pubbliku tal-vetturi nodfa jiġi mmirat foqasma li għandhom livell relattivament għoli ta' tniġġis tal-arja u akustiku. L-awtoritajiet pubbliċi tal-Istati Membri huma mħeġġa biex jiffukaw l-aktar fuq dawk l-oqsma, meta jkun qed jimplementaw il-miri minimi tal-akkwist nazzjonali L-awtoritajiet pubbliċi huma mħeġġa wkoll biex jieħdu miżuri, bħal li jagħmlu disponibbli biżżejjed riżorsi finanzjarji għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti, biex jiġi evitat li l-kostijiet tal-konformità mal-miri minimi tal-akkwist stabbiliti f'din id-Direttiva jwasslu għal prezzijiet tal-biljetti oġġla għall-konsumatur jew għat-tnaqqis tas-servizzi tat-trasport pubbliku, jew jiskoraġġixxu l-iżvilupp tat-trasport nadif mhux bit-triq bħal trammi u ferroviji tal-metro. Jenħtieġ li l-awtoritajiet pubbliċi jiffukaw fuq dawk l-oqsma fir-rappurtar taġġhom skont din id-Direttiva. Sabiex jiġi evitat piż sproporzjonat u jiġu ottimizati r-riżultati potenzjali ta' din id-Direttiva, jenħtieġ li tiġi pprovduta assistenza teknika xierqa lill-awtoritajiet pubbliċi.
- (23) It-trasport pubbliku jikkontribwixxi biss għal sehem żgħir għall-emissjonijiet li joriġinaw mis-settur tat-trasport. Sabiex tkompli tiġi promossa d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, tittejjeb il-kwalità tal-arja u jinżammu kundizzjonijiet ekwi bejn operaturi differenti, l-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-liġi tal-Unjoni, jiddeċiedu li jimponu rekwiżiti simili wkoll fuq l-operaturi u s-servizzi privati barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva, bħal kumpaniji tat-taxi, tal-kiri tal-karozzi u tar-"ride-pooling".
- (24) L-ikkalkular tal-kostijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja hu għodda importanti għall-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti biex ikopru l-kostijiet tal-enerġija u l-ambjent tul iċ-ċiklu tal-ħajja ta' vettura, inkluż il-kost tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra u ta' sustanzi oħra li jniġġsu l-arja, permezz ta' metodoloġija rilevanti biex jinstab il-valur monetarju taġġhom. Minħabba l-użu skars tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet tul il-ħajja operattiva skont id-Direttiva 2009/33/KE u l-informazzjoni mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti dwar l-użu tal-metodoloġiji taġġhom imfassla skont iċ-ċirkostanzi u l-ħtiġijiet speċifiċi taġġhom, jenħtieġ li l-ebda metodoloġija mandatorja m'għandha tenħtieġ li tintuża, iżda l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jenħtieġ li jkun jistgħu jagħżlu kwalunkwe metodoloġija għall-kalkolu tal-kostijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja biex tappoġġa l-proċessi tal-akkwist taġġhom abbażi tal-kriterju tal-offerta l-aktar ekonomikament vantaġġuża ("MEAT") kif deskritt fl-Artikolu 67 tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 82 tad-Direttiva 2014/25/UE, b'kunsiderazzjoni tal-kosteffettività fuq it-tul tal-ħajja tal-vettura, kif ukoll aspetti ambjentali u soċjali.
- (25) Ir-rappurtar dwar l-akkwist pubbliku skont din id-Direttiva jenħtieġ li jagħti ħarsa ġenerali ċara tas-suq biex isir monitoraġġ effettiv tal-implimentazzjoni tiegħu. Tali rappurtar jenħtieġ jibda bi preżentazzjoni ta' informazzjoni preliminari mill-Istati Membri lill-Kummissjoni sat-2 ta' Awwissu 2022, u jissokta b'rapport komprensiv għall-ewwel darba fl-2026 dwar l-implimentazzjoni tal-miri minimi tal-akkwist, u mbaġħad kull tliet snin. Il-perjodu ta' żmien jenħtieġ li jkun alinjat mal-obbligi ta' rappurtar eżistenti skont id-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE. Jenħtieġ li jiġi ffaċilitat rappurtar semplifikat biex jiġi minimizzat il-piż amministrattiv fuq il-korpi pubbliċi u tinkiseb ħarsa ġenerali effettiva tas-suq. Il-Kummissjoni se tipprovi soluzzjonijiet għar-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ fil-bażi tad-data tal-offerti elettroniċi ta' kuljum (TED), u se tiżgura rappurtar komprensiv dwar il-vetturi mingħajr emissjonijiet jew b'emissjonijiet baxxi jew għal vetturi oħra bi karburant alternattiv, fil-kuntest tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti tal-Unjoni. Il-kodiċijiet speċifiċi tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti se jgħinu r-reġistrazzjoni fil-bażi tad-data tal-offerti elettroniċi ta' kuljum, u l-monitoraġġ taġġha.

<sup>(12)</sup> Id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE (ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1).

<sup>(13)</sup> ĠU C 298, 23.8.2018, p. 140.

- (26) L-appoġġ għall-adozzjoni mis-suq tal-vetturi nodfa u tal-infrastrutturi tagħhom jista' jiżjed jekk jinħolqu miżuri ta' appoġġ pubbliku mmirati fil-livell nazzjonali u fil-livell tal-Unjoni. Tali miżuri jinkludu l-użu akbar tal-fondi tal-Unjoni sabiex jappoġġa t-tiġdid tal-flottot tat-trasport pubbliku u skambju aħjar tal-għarfien u allinjament tal-akkwist ħalli jkunu jistgħu jitwettqu azzjonijiet fuq skala kbira biżżejjed biex jonqsu l-kostijiet u jitħalla impatt fuq is-suq. Il-possibbiltà ta' appoġġ pubbliku favur il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-infrastruttura meħtieġa għad-distribuzzjoni tal-karburanti alternattivi hija rikonossuta fil-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija 2014-2020 <sup>(14)</sup>. Iżda għal dan l-appoġġ pubbliku se jibqgħu japplikaw ir-regoli tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 107 u 108 tiegħu.
- (27) Il-miżuri mmirati ta' appoġġ għall-akkwist ta' vetturi nodfa jistgħu jgħinu lill-awtoritajiet kontraenti u lill-entitajiet kontraenti. Skont il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) attwali, għall-2014-2020, l-Unjoni diġà għandha firxa ta' fondi differenti biex tappoġġa lill-Istati Membri, l-awtoritajiet lokali u l-operaturi kkonċernati fit-tranżizzjoni tagħhom lejn mobbiltà sostenibbli. B'mod partikolari, il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej huma sors ewlieni ta' finanzjament għall-proġetti ta' mobbiltà urbana. Orizzont 2020, il-programm ta' riċerka tal-Unjoni, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(15)</sup>, jiffinanzja proġetti ta' riċerka u innovazzjoni dwar il-mobiltà urbana u l-bliet u l-komunitajiet intelliġenti, filwaqt li l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, stabbilita bir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(16)</sup> tiddedika appoġġ għall-implimentazzjoni tal-infrastruttura rilevanti fin-nodi urbani. L-introduzzjoni ta' definizzjoni ta' vettura nadifa u l-istabbiliment ta' miri minimi għall-akkwist tagħhom f'din id-Direttiva jistgħu jgħinu biex jiġi żgurat użu saħansitra aktar immirat tal-istrumenti finanzjarji tal-Unjoni inkluż fl-MFF li jmiss għall-2021-2027. Dawk il-miżuri ta' appoġġ għandhom jgħinu sabiex inaqqsu l-investiment inizjali għoli f'bidliet infrastrutturali u se jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport.
- (28) Sabiex jiġi żgurat li l-benefiċċji potenzjali jiġu sfruttati bis-sħiħ, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi gwida lill-Istati Membri fir-rigward tal-fondi differenti tal-Unjoni li jistgħu jintużaw, u jenħtieġ li tiffaċilita u tistruttura l-iskambju tal-għarfien u l-aħjar prattiki bejn l-Istati Membri sabiex jiġi promoss ix-xiri, il-leasing, il-kiri jew il-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija mill-awtoritajiet kontraenti u mill-entitajiet kontraenti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkompli tipprovdi servizzi ta' konsulenza teknika u finanzjarja lill-awtoritajiet lokali u lill-operaturi permezz ta' strumenti bħaċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti, JASPERS u JESSICA. Tali assistenza jenħtieġ li tinkludi l-inkoraġġiment tal-awtoritajiet kontraenti u tal-entitajiet kontraenti biex jiġbru flimkien ir-riżorsi tagħhom fl-akkwist konġunt ta' vetturi ta' trasport fuq it-triq b'emissjonijiet baxxi u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, sabiex jinkisbu ekonomiji ta' skala u tiġi ffaċilitata l-kisba tal-oġġettivi ta' din id-Direttiva.
- (29) Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-investimenti, il-mobbiltà u l-ippjanar urban jeħtieġ ikunu kkoordinati aħjar, bħal permezz tal-użu ta' pjanijiet ta' mobbiltà urbana sostenibbli (SUMP). Is-SUMPs huma pjanijiet li jiġu żviluppatti tul il-firxa tal-oqsma ta' politika individwali u b'kooperazzjoni mal-livelli differenti ta' governanza b'kombinament ta' modi differenti ta' trasport, sikurezza fit-toroq, konsenja ta' merkanzija, ġestjoni tal-mobbiltà u sistemi ta' trasport intelliġenti. Is-SUMPs jista' jkollhom rwol importanti fil-kisba tal-miri tal-Unjoni rigward it-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, tat-tniġġis akustiku u tal-arja.
- (30) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward tat-tfassil tal-format komuni għar-rapporti mill-Istati Membri u l-arranġamenti ta' trażmissjoni tagħhom. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(17)</sup>.
- (31) Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2009/33/KE. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jkun akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġislattiva li temenda dik id-Direttiva għall-perijodu wara l-2030, inkluż għall-istabbiliment ta' miri ambizzjużi ġodda u l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni għal kategoriji oħra ta' vetturi, bħall-vetturi tal-kategorija L u l-makkinarju tal-kostruzzjoni. Fir-reviżjoni

<sup>(14)</sup> ĠU C 200, 28.6.2014, p. 1.

<sup>(15)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

<sup>(16)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

<sup>(17)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

tagħha, il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta wkoll, inter alia, il-possibbiltà li din id-Direttiva tiġi allinjata ma' kwalunkwe metodoloġija biex jingħaddu l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> tul iċ-ċiklu tal-ħajja u l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> mill-estrazzjoni sal-użu, żviluppata fil-kuntest tal-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-vetturi tal-UE, kif ukoll il-possibbiltà tal-promozzjoni ta' batteriji sostenibbli u riċiklabbli, u l-użu ta' tajers bl-aħjar klassifikazzjoni u tajers trattati mill-ġdid.

- (32) Minkejja l-istabbiliment tal-miri minimi tal-akkwist f'din id-Direttiva ma japplikawx għall-istituzzjonijiet tal-Unjoni, ikun tajjeb li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jmessu bl-eżempju.
- (33) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jingħata stimolu min-naħa tad-domanda għall-vetturi nodfa b'appoġġ għat-tranżizzjoni lejn mobbiltà b'emissjonijiet baxxi, ma jstgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom iżda jstgħu, permezz ta' qafas ta' politika komuni u fit-tul u għar-raġunijiet ta' skala, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. B'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (34) B'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni <sup>(18)</sup>, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li f'każijiet ġustifikati jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'wieħed jew aktar mid-dokumenti li jispjegaw ir-rabta bejn il-komponenti ta' Direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti ta' traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur jidhirlu li t-trażmissjoni ta' dawn id-dokumenti hija ġġustifikata.
- (35) Għaldaqstant, id-Direttiva 2009/33/KE jenħtieġ li tiġi emendata skont dan,

ADOPTAW DIN ID-DIRETTIVA:

#### Artikolu 1

### Emendi għad-Direttiva 2009/33/KE

Id-Direttiva 2009/33/KE hija emendata kif ġej:

- (1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-vetturi nodfa tat-trasport bit-triq b'appoġġ għall-mobbiltà b'emissjonijiet baxxi”;

- (2) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

#### Suġġett u objettivi

Din id-Direttiva teħtieġ lill-Istati Membri li jiżguraw li l-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti jqisu l-impatti enerġetiċi u ambjentali ta' tul il-ħajja, inkluż il-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet ta' CO<sub>2</sub> u ta' ċerti sustanzi li jniġġsu, meta jkunu qed jakkwistaw vetturi ta' trasport fuq it-triq, bl-għanijiet li jiġi promoss u stimulat is-suq għal vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jitjeb il-kontribut tas-settur tat-trasport għal-linji politiċi ambjentali, klimatiċi u enerġetiċi tal-Unjoni.”;

- (3) L-Artikolu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 2

#### Eżenzjonijiet

L-Istati Membri jstgħu jeżentaw mir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva vetturi msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 2(2) u fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*) u fil-punti 5.2. sa 5.5. u fil-punt 5.7. tal-Parti A tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(\*) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).”;

<sup>(18)</sup> ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(4) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 3

### Kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-akkwist permezz ta':

- (a) kuntratti tax-xiri, tal-leasing, tal-kiri jew tal-lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri ta' vetturi tat-trasport bit-triq mogħtija minn awtoritajiet jew entitajiet kontraenti sakemm dawn ikunu obbligati japplikaw il-proċeduri tal-akkwist previsti fid-Direttivi 2014/24/UE (\*) u 2014/25/UE (\*\*) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- (b) kuntratti tas-servizz pubbliku skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*\*) li s-suġġett tagħhom ikun il-provvista ta' servizzi ta' trasport għall-passiġġieri feċċess ta' livell ta' limitu li għandu jiġi definit mill-Istati Membri li ma jaqbiżx il-limitu tal-valur applikabbli stabbilit fl-Artikolu 5(4) ta' dak ir-Regolament;
- (c) kuntratti ta' servizz stabbiliti fit-Tabella 1 tal-Anness għal din id-Direttiva sa fejn l-awtoritajiet kontraenti jew l-entitajiet kontraenti jkollhom l-obbligu li japplikaw il-proċeduri ta' akkwist stabbiliti fid-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE.

Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal tali kuntratti li għalihom intbagħtet is-sejħa għall-kompetizzjoni wara t-2 ta' Awwissu 2021 jew, f'każijiet fejn ma tkunx prevista sejħa għall-kompetizzjoni, fejn l-awtorità kontraenti jew l-entità kontraenti tkun bdiet il-proċedura ta' akkwist wara dik id-data.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal:

- (a) vetturi msemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 2(2) u fil-punt (c) tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) Nru 2018/858;
- (b) vetturi tal-kategorija M<sub>3</sub> minbarra vetturi tal-Klassi I u tal-Klassi A kif definit fil-punti (2) u (3) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*\*\*).

(\*) Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

(\*\*) Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

(\*\*\*) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

(\*\*\*\*) Ir-Regolament (KE) Nru 661/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip għas-sikurezza ġenerali tal-vetturi bil-mutur, it-trejlers tagħhom, u s-sistemi, il-komponenti u l-unitajiet tekniċi separati destinati għalihom (ĠU L 200, 31.7.2009, p. 1).;

(5) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 4

### Definizzjonijiet

Għall-fini ta' din id-Direttiva:

- (1) “awtoritajiet kontraenti” tfisser awtoritajiet kontraenti kif definit fil-punt 1 tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE u fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2014/25/UE;
- (2) “entitajiet kontraenti” tfisser entitajiet kontraenti kif definit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2014/25/UE;
- (3) “vettura tat-trasport bit-triq” tfisser vettura tal-kategorija M jew N, kif definit fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) 2018/858;



(4) “vettura nadifa” tfisser:

- (a) vettura tal-kategorija  $M_1$ ,  $M_2$  jew  $N_1$  li għandha emissjoni massima mill-egżost espressa  $fCO_2$  g/km u emissjonijiet tas-sewqan reali li jniġġsu l-arja inqas minn persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet applikabbli kif stipulat fit-Tabella 2 tal-Anness, jew;
- (b) vettura tal-kategorija  $M_3$ ,  $N_2$  jew  $N_3$  li tuża karburanti alternattivi kif definit fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), esklużi karburanti prodotti minn materja prima b'riskju għoli ta' bidla indiretta fl-użu tal-art li għaliha jkun osservat li espansjoni sinifikanti tal-produzzjoni tkun f'art b'ħażna għolja ta' karbonju skont l-Artikolu 26 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*). Fil-każ ta' vetturi li jużaw bijokarburanti likwidi, karburanti sintetiċi u paraffiniċi, dawn m'għandhomx jitħalltu ma' dawk il-karburanti fossili konvenzjonali;

(5) “vettura tqila mingħajr emissjonijiet” tfisser vettura nadifa kif definit fil-punt 4(b) ta' dan l-Artikolu mingħajr magna b'kombustjoni interna, jew b'magna ta' kombustjoni interna li tirrilaxxa inqas minn 1 g  $CO_2/kWh$  kif imkejjel skont ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*\*) u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu, jew li temetti inqas minn 1 g  $CO_2/km$  imkejla skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*\*\*\*) u l-miżuri ta' implimentazzjoni tiegħu.

(\*) Id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2014 dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi (ĠU L 307, 28.10.2014, p. 1).

(\*\*) Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).

(\*\*\*) Ir-Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi tqal (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

(\*\*\*\*) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward tal-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1).”;

(6) L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 5

#### **Miri minimi tal-akkwist**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li x-xiri ta' vetturi u servizzi msemmija fl-Artikolu 3 jkunu konformi mal-miri minimi tal-akkwist għall-vetturi ħfief nodfa stabbiliti fit-Tabella 3 tal-Anness, u għall-vetturi tqal stabbiliti fit-Tabella 4 tal-Anness. Dawk il-miri huma espressi bħala perċentwali minimi ta' vetturi nodfa fin-numru totali ta' vetturi tat-trasport bit-triq koperti bl-aggregat tal-kuntratti kollha msemmija fl-Artikolu 3, mogħtija bejn it-2 ta' Awwissu 2021 u l-31 ta' Diċembru 2025 għall-ewwel perijodu ta' referenza, u bejn l-1 ta' Jannar 2026 u l-31 ta' Diċembru 2030, għat-tieni perijodu ta' referenza.

2. Għall-fini li jiġu kkalkulati r-rekwiżiti minimi tal-akkwist, id-data tal-akkwist pubbliku li għandha titqies hija d-data tat-tlestija tal-proċedura tal-akkwist pubbliku, permezz tal-għoti tal-kuntratt.

3. Vetturi li jissodisfaw id-definizzjoni ta' vettura nadifa skont il-punt 4 tal-Artikolu 4 jew ta' vetturi tqal mingħajr emissjonijiet skont il-punt 5 tal-Artikolu 4 bħala riżultat ta' installazzjoni a posteriori jistgħu jitqiesu bħala vetturi nodfa jew vetturi tqal mingħajr emissjonijiet, rispettivament, għall-fini ta' konformità mal-miri minimi tal-akkwist.

4. Fil-każ ta' kuntratti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 3(1), in-numru ta' vetturi tat-trasport tat-triq mixtrija, b'leasing, mikrija jew b'lokazzjoni b'opzjoni ta' xiri taħt kull kuntratt għandu jitqies għall-iskop tal-valutazzjoni tal-konformità mal-miri minimi tal-akkwist.

5. Fil-każ ta' kuntratti msemmija fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 3(1), in-numru ta' vetturi tat-trasport tat-triq li għandhom jintużaw għall-provvista tas-servizzi koperti minn kull kuntratt għandu jitqies għall-fini tal-valutazzjoni tal-konformità mal-miri minimi tal-akkwist.

6. Fejn ma jiġux adottati miri ġodda għall-perijodu wara l-1 ta' Jannar 2030, il-miri stabbiliti għat-tieni perijodu ta' referenza għandhom ikompli japplikaw, u għandhom jiġu kkalkulati skont il-paragrafi 1 sa 5, fuq perijodi sussegwenti ta' ħames snin.

7. L-Istati Membri jistgħu japplikaw jew jawtorizzaw lill-awtoritajiet kontraenti jew lill-entitajiet kontraenti tagħhom biex japplikaw miri nazzjonali oġġa jew rekwiżiti aktar stretti minn daww imsemmija fl-Anness.”;

(7) L-Artikoli 6 u 7 huma mħassra;

(8) L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 8

### **Skambju tal-għarfien u tal-aħjar Prattika**

Il-Kummissjoni għandha tiffaċilita u tistruttura l-iskambju ta' tagħrif u l-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri abbażi ta' Prattiki għall-promozzjoni tax-akkwist ta' vetturi nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija għat-trasport bit-triq mill-awtoritajiet kontraenti u l-entitajiet kontraenti.”;

(9) L-Artikolu 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 9

### **Proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2014/94/UE.

Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta l-opinjoni tal-kumitat tkun trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, din il-proċedura għandha titwaqqaf mingħajr riżultat meta, fil-limitu taż-żmien għall-għoti tal-opinjoni, il-president tal-kumitat jiddeċiedi hekk jew meta jintalab dan permezz ta' maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat.

(\*) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).”;

(10) L-Artikolu 10 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 10

### **Rapportar u rieżami**

1. Sat-2 ta' Awwissu 2022 l-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar il-miżuri meħuda biex tiġi implimentata din id-Direttiva u dwar l-intenzjonijiet tal-Istati Membri rigward attivitajiet futuri ta' implimentazzjoni, inkluż l-għażla taż-żmien u l-qsim tal-isforz possibbli bejn livelli differenti ta' governanza, kif ukoll dwar kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru jqis rilevanti.

2. Sat-18 ta' April 2026, u wara kull tliet snin, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Dawk ir-rapporti għandhom jakkumpanjaw ir-rapporti previsti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 83(3) tad-Direttiva 2014/24/UE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 99(3) tad-Direttiva 2014/25/UE, u għandhom jinkludu informazzjoni dwar il-miżuri li tiegħu biex titwetq din id-Direttiva, attivitajiet ta' implimentazzjoni futuri, kif ukoll kwalunkwe informazzjoni oħra li l-Istat Membru jikkunsidra rilevanti. Dawk ir-rapporti għandhom jinkludu wkoll in-numru u l-kategoriji tal-vetturi koperti mill-kuntratti msemmija fl-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva, abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata abbażi tal-kategoriji stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*).

3. Sabiex l-Istati Membri jiġu assistiti fl-obbligi ta' rappurta tagħhom, il-Kummissjoni għandha tiġbor u tippubblika n-numru u l-kategoriji tal-vetturi koperti mill-kuntratti msemmija fil-punti (a) u (c) tal-Artikolu 3(1) ta' din id-Direttiva billi tiġbor id-data rilevanti mill-avviżi ta' għoti ta' Kuntratti Ppubblikati fuq il-Bażi tad-Data (TED) (Tenders Electronic Daily) skont id-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE.

4. Sat-18 ta' April 2027, u kull tliet snin wara, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva li jispeċifika l-miżuri meħuda minn Stati Membri f'dan ir-rigward, wara r-rapporti msemmija fil-paragrafu 2.

5. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u, fejn xieraq, tippreżenta proposta leġislattiva għall-emendar tagħha għall-perijodu wara l-2030, inkluż għall-istabbiliment ta' miri ġodda u għall-inklużjoni ta' kategoriji oħra ta' vetturi, bħal vetturi b'żewġ jew tliet roti.

6. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 9(2) li jstabbilixxu l-format tar-rapporti msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu u l-arranġamenti ta' trażmissjoni tagħhom.

(\*) Ir-Regolament (KE) Nru 2195/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Novembru 2002 dwar il-Vokabolarju Komuni tal-Akkwist (CPV) (ĠU L 340, 16.12.2002, p. 1).;

(11) l-Anness huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' din id-Direttiva.

## Artikolu 2

### Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-2 ta' Awwissu 2021. Dawn għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi sabiex issir it-tali referenza għandhom jiġu stipulati mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

## Artikolu 3

### Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## Artikolu 4

### Destinatarji

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ġunju 2019.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

A. TAJANI

Għall-Kunsill

Il-President

G. CIAMBA

ANNEX

"ANNEX

**INFORMAZZJONI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TA' MIRI MINIMI GĦALL-AKKWIST TA' VETTURI TAT-TRASPORT BIT-TRIQ NODFA B'APPOĠĠ GĦAL MOBILTÀ B'EMISSJONIJET BAXXI FL-ISTATI MEMBRI**

Tabella 1

*Il-kodiċijiet għas-servizzi tal-Vokabolarju Komuni tal-Akkwisti (CPV) msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 3(1)*

Kodiċi CPV	Deskrizzjoni
60112000-6	Servizzi pubbliċi tat-trasport bit-triq
60130000-8	Servizzi tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq għal skopijiet speċjali
60140000-1	Trasport tal-passiġġieri mhux skedat
90511000-2	Servizzi ta' ġbir tal-iskart
60160000-7	Trasport tal-posta bit-triq
60161000-4	Servizzi ta' trasport tal-pakketti
64121100-1	Servizzi ta' konsenja tal-posta
64121200-2	Servizzi ta' konsenja tal-pakketti

Tabella 2

*Il-limiti tal-emissjonijiet għall-vetturi ħfief nodfa*

Kategoriji ta' vetturi	Sal-31 ta' Diċembru 2025		Mill-1 ta' Jannar 2026	
	CO <sub>2</sub> g/km	emissjonijiet RDE ta' sustanzi li jniġġsu l-arja <sup>(1)</sup> bħala persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet <sup>(2)</sup>	CO <sub>2</sub> g/km	emissjonijiet RDE ta' sustanzi li jniġġsu l-arja <sup>(1)</sup> bħala persentaġġ tal-limiti tal-emissjonijiet <sup>(2)</sup>
M <sub>1</sub>	50	80 %	0	Mhux applikabbli
M <sub>2</sub>	50	80 %	0	Mhux applikabbli
N <sub>1</sub>	50	80 %	0	Mhux applikabbli

<sup>(1)</sup> Il-massimu ddikjarat ta' valuri tan-numriju tal-partikuli (PN) fl-emissjonijiet f'sewqan reali (RDE) f<sup>#</sup>/km u ossidi tan-nitroġenu (NO<sub>x</sub>) fmg/km kif irrappurtat fil-punt 4.8.2 ta' Ċertifikat ta' Konformità, kif deskritt fl-Anness IX għad-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(\*)</sup> kemm għall-vjaġġi kompluti kif ukoll għal dawg RDE urbani.

<sup>(2)</sup> Il-limiti tal-emissjonijiet applikabbli stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 715/2007, jew fis-suċċessuri tiegħu.

<sup>(\*)</sup> Id-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi qafas għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal dawn il-vetturi (Direttiva) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

Tabella 3

Mira minima tal-akkwist għas-sehem tal-vetturi ħfief nodfa skont it-Tabella 2 fin-numru totali tal-vetturi ħfief koperti minn kuntratti msemmija fl-Artikolu 3 fil-livell tal-Istati Membri

Stat Membru	Mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025	Mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030
Il-Lussemburgu	38,5 %	38,5 %
L-Iżvezja	38,5 %	38,5 %
Id-Danimarka	37,4 %	37,4 %
Il-Finlandja	38,5 %	38,5 %
Il-Ġermanja	38,5 %	38,5 %
Franza	37,4 %	37,4 %
Ir-Renju Unit	38,5 %	38,5 %
In-Netherlands	38,5 %	38,5 %
L-Awstrija	38,5 %	38,5 %
Il-Belġju	38,5 %	38,5 %
L-Italja	38,5 %	38,5 %
L-Irlanda	38,5 %	38,5 %
Spanja	36,3 %	36,3 %
Ċipru	31,9 %	31,9 %
Malta	38,5 %	38,5 %
Il-Portugall	29,7 %	29,7 %
Il-Greċja	25,3 %	25,3 %
Is-Slovenja	22 %	22 %
Iċ-Ċekja	29,7 %	29,7 %
L-Estonja	23,1 %	23,1 %
Is-Slovakkja	22 %	22 %
Il-Litwanja	20,9 %	20,9 %
Il-Polonja	22 %	22 %
Il-Kroazja	18,7 %	18,7 %
L-Ungerija	23,1 %	23,1 %
Il-Latvja	22 %	22 %
Ir-Rumanija	18,7 %	18,7 %
Il-Bulgarija	17,6 %	17,6 %

Tabella 4

Mira minima tal-akkwist għas-sehem tal-vetturi tqal noċfa fin-numru totali ta' vetturi tqal koperti minn kuntratti msemmija fl-Artikolu 3 fil-livell tal-Istati Membri (\*)

Stat Membru	Trakkijiet (kategorija tal-vettura N <sub>2</sub> u N <sub>3</sub> )		Xarabanks (kategorija tal-vettura M <sub>3</sub> ) (*)	
	Mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025	Mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030	Mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025	Mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030
Il-Lussemburgu	10 %	15 %	45 %	65 %
L-Iżvezja	10 %	15 %	45 %	65 %
Id-Danimarka	10 %	15 %	45 %	65 %
Il-Finlandja	9 %	15 %	41 %	59 %
Il-Ġermanja	10 %	15 %	45 %	65 %
Franza	10 %	15 %	43 %	61 %
Ir-Renju Unit	10 %	15 %	45 %	65 %
In-Netherlands	10 %	15 %	45 %	65 %
L-Awstrija	10 %	15 %	45 %	65 %
Il-Belġju	10 %	15 %	45 %	65 %
L-Italja	10 %	15 %	45 %	65 %
L-Irlanda	10 %	15 %	45 %	65 %
Spanja	10 %	14 %	45 %	65 %
Ċipru	10 %	13 %	45 %	65 %
Malta	10 %	15 %	45 %	65 %
Il-Portugall	8 %	12 %	35 %	51 %
Il-Greċja	8 %	10 %	33 %	47 %
Is-Slovenja	7 %	9 %	28 %	40 %
Iċ-Ċekja	9 %	11 %	41 %	60 %
L-Estonja	7 %	9 %	31 %	43 %
Is-Slovakkja	8 %	9 %	34 %	48 %
Il-Litwanja	8 %	9 %	42 %	60 %
Il-Polonja	7 %	9 %	32 %	46 %
Il-Kroazja	6 %	7 %	27 %	38 %
L-Ungerija	8 %	9 %	37 %	53 %
Il-Latvja	8 %	9 %	35 %	50 %

Stat Membru	Trakkijiet (kategorija tal-vettura N <sub>2</sub> u N <sub>3</sub> )		Xarabanks (kategorija tal-vettura M <sub>3</sub> ) (*)	
	Mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025	Mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030	Mit-2 ta' Awwissu 2021 sal-31 ta' Diċembru 2025	Mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2030
Ir-Rumanija	6 %	7 %	24 %	33 %
Il-Bulgarija	7 %	8 %	34 %	48 %

(\*) Nofs il-mira minima għas-sehem tax-xarabanks nodfa trid tiġi ssodisfata bl-akkwist ta' xarabanks mingħajr emissjonijiet kif definit fil-punt 5 tal-Artikolu 4. Dan ir-rekwiżit jitnaqqas għal kwart tal-mira minima għall-ewwel perijodu ta' referenza jekk aktar minn 80 % tax-xarabanks koperti mill-aggregat tal-kuntratti kollha msemmija fl-Artikolu 3, mogħtija matul dak il-perijodu fi Stat Membru, ikunu xarabanks b'żewġ sulari.